MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1902/1997/1

Formosa & Camilleri Ltd bhala agenti Malta tas-socjeta' Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited
Vs
Sea Malta Company Limited u The Cargo Handling Company Limited.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-27 ta' Awissu 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fit-23 ta' Settembru 1996 is-socjeta' Michael Attard Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment M.V. Senglea konsenja ta' 50 vettura Peugeot; illi din il-konsenja giet ikkonsenjata lill-assikurat ta' l-attur bid-danni u nuqqasijiet spjegati fid-Dok A; illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assikurat tieghu hu kellu jindennizza lill-assikurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assikurat; illi l-attur jikkwantifika d-danni fil-merkanzija de qua fl-ammont ta'

elf mitejn u hmistax-il lira maltin (LM1215.00) li maghhom jizdied l-ammont ta' mija erbgha u erbghin lira maltin (LM144) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf tlett mija disgha u hamsin lira (LM1359.00); illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assikurat ta' l-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' LM1359;
3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' LM1359 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd tal-20 ta' Mejju 1998 li permezz taghha eccepiet:

1. l-infondatezza tat-talbiet fil-konfront taghha billi l-merkanzija giet sbarkata bid-danni;
2. li ghal fini ta' l-obbligazzjoni tigi ezebita l-polza u c-cheque ghal prova tal-hlas;
3. li ghandu jigi pruvat li d-danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija kienet fil-pussess u taht il-kontroll taghha;
4. in-nuqqas ta' responsabbilita' a termini ta' l-artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1960 kif emendati.
5. In-nuqqas ta' responsabbilita a termini ta' l-artikolu 90 tal-istess regolamenti u l-iskeda annessa;
6. In-nuqqas ta' responsabilita' billi hija qbiet l-obbligi kollha taghha;
7. Illi l-ammont huwa eccessiv;
8. Illi ma hemmx obbligu ghall-hlas tal-imghax;
9. Illi t-talbiet ghandhom jigu respinti.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit.

Rat in-nota tas-socjeta' Sea Malta Company Limited tas-26 ta' Mejju 1998 li permezz taghha eccepiet:-
1. in-nuqqas ta' responsabbilita' billi l-hsara ma gratx waqt li l-merkanzija kienet fil-pussess taghha.
2. Id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-tally sheet rilevanti;
3. In-nuqqas ta' responsabbilita' minhabba l-klawsola ta' l-ezoneru.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-27 ta' Mejju 1998 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-13 ta' Novembru 1998 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Novembru 1998 meta giet mahtura Dr Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju biex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-27 ta' Mejju 2002 meta s-socjeta' Sea Malta Co. Ltd irtirat t-tielet eccezzjoni taghha.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fit-23 ta' Settembru 1996 nizlu Malta mill-bastiment M.V. Senglea hamsin vettura tal-marka Peugeot destinati ghas-socjeta' Michael Attard Limited. Hija u niezla din il-konsenja inzamm tally mill-uccijali inkarigati li minnu ma rrizultaw ebda hsarat fil-vetturi u l-unika nuqqas li tissemma tikkoncerna l-"wiper blades" tal-vettura bin-numru 169 kif jidher mill-istess tally a fol 31 tal-process

izda fuq l-istess dokument hemm indikat li l-persuna li ghamlet it-tally certu Spiteri kien irceva 3 "wiper blades" differenti.

Meta l-vetturi kienu fil-pussess tas-socjeta' The Cargo Handling u qabel ma gew rilaxxati mill-compound, gew ezaminati mis-surveyor inkarigat mis-socjeta' attrici li, fil-presenza ta' John Falzon, addett mas-socjeta' importatrici, u rappresentant tal-istess The Cargo Handling Co. Ltd. Ikkonstat diversi nuqqasijiet u hsarat li sussegwentement gew rilevati fil-Gate Pass Out li tintmela mill-ufficjal tad-Dwana.

Illi mill-imsemmi rapport a fol 5 et seq tal-process, ma jirrizultax li gew rimpjazzati xi "wiper blades" u dan billi probabilment dawk li gew konsenjati lit-tally clerk meta l-merkanzija mizlet minn abbord, kienu l-istess wipers li nstabu neqsin mill-vettura li nizlet minghajrhom. Ghalhekk jidher li s-socjeta' Sea Malta Co Ltd ma ghandha tirrispondi ghall-ebda nuqqasijiet jew danni billi ma rrizulta xejn waqt li l-merkanzija tnizlet minn fuq il-bastiment taghha ghal fuq il-moll fejn dahlet taht il-kontroll tas-socjeta' l-ora konvenuta.

Is-socjeta' The Cargo Handling ghalhekk ghandha tirrispondi ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici in rifuzjoni ta' l-ispejjes inkorsi minnha biex tindennizza lill-assikurat taghha meta instabu xi nuqqasijiet u hsarat fil-merkanzija, u dan skond l-istess rapport tas-surveyor u l-Gate Pass Out (fol 58).

Illi minn ezami taz-zewg dokumenti fuq imsemmija jirrizulta li l-istess Gate Pass Out jelenka dettaljatament in-nuqqasijiet u l-hsarat fil-vetturi. Dan id-dokument hu rifless fl-istess rapport tas-Surveyor a fol 5 tal-process hlief ghal wipers, li ma jissemmewx u il-fatt li l-Gate Pass Out jindika 8 parir "Gloves" neqsin, mentri r-rapport, li huwa l-bazi tat-talba attrici, jindika sebgha pari u cioe anqas.

Ma tresqet ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni dwar l-eccessivita' tal-ammont reklamat u kwindi din il-Qorti sejra toqghod fuq ir-rapport tas-surveyor billi dan ukoll xhed li

huwa awtorizza l-hlas wara li kien ivverifika d-diversi partiti indikati fl-invoices u accerta ruhu li kienu korretti jew ragionevoli.

Minn dan jidher li s-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd ghandha tirrispondi ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici u kif mitluba fic-citazzjoni.

Illi dwar l-ispejjes tas-survey report jigi rilevat li dawn huma dovuti billi jikkonsistu fi spejjes incidentali rizultanti mill-istess telfa u s-socjeta' attrici qedgha tagixxi ghalihom fil-kapacita taghha personali u mhux qua surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' assikurata.

Illi dwar l-imghax mitlub jigi rilevat li t-talba fic-citazzjoni hija ghall-ammont determinat u kwindi s-socjeta' attrici kienet korretta li titlob l-hlas tal-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li ma tiehux aktar konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta' Sea Malta billi din giet ceduta u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess socjeta' filwaqt li tichad dawk tas-socjeta' l-ohra The Cargo Handling Co Ltd, tikkundanna lill-istess socjeta' The Cargo Handling Company Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija disgha u hamsin lira maltin (LM1359.00) in linea ta' danni kagunati kif fuq inghad u dana bl-imghax legali mid-data tan-notifka lilha bic-citazzjoni odjerna.

Bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta' The Cargo Handling Company Limited.

Onor Imhallef Albert J. Magri